# Qlib mill-Bulgaru

*(Traduzzjoni ta' artiklu li deher fi "Slovo", wieħed mill-ġurnali ewlenin tal-Bulgarja).*

IL-BAĦAR TAT-TLIET KUNTINENTI
IT-TRIEQ GĦALL-LVANT—PANTELLERIJA U MALTA
IĊ-ĊIVILTÀ TAL-MEDITERRAN
LETTERATURA MALTIJA—LAURENT ROPA

Ma' tul dawn l-aħħar jiem meta l-kap tal-Gvern Taljan mar iżur Lybia, il-ġurnali kienu ta' sikwit ixandru tagħrif dwar żewġ artijiet: Pantellerija fejn il-flotta Taljana kienet qiegħda tagħmel il-manuvri, u Malta, il-bażi tal-Flotta Ingliża fil-Mediterran.

—Malta ma teżistix—qal l-ammiral Tork li kien qiegħed ibaħħar 'l hawn u 'l hinn, ħsiebu li jsib Malta, ħaġa li b'xejn ma setgħet tirnexxilu.

Mis-sena 1565 'l hawn, jiġifieri minn dik is-sena li t-Torok telqu telliefa minn Malta, mit-taqtiegħa ta' Marne li ġrat fis-seklu XVI, u sa minn mijiet ta' snin ilu, Malta kienet teżisti u dawk kollha li niżlu l-art jew żaru biss il-port ta' La Vallette, jiftakru ġ-ġfien qawwija ta' l-Ingliżi ankrati taħt l-għoljiet maħruqa bix-xemx, u l-kanuni ta' fuqhom b'dik id-dehra tagħhom ta' theddid u qilla.

Ċibiltà u Malta huma żewg artijiet li taw bosta x'jagħmlu lill-egħdewwa.

Aħna li 15-il-sena ilu konna mqabbdin fix-xogħol ta' ġurnal mitbugħ f'Pariġi, konna nsibu ħafna xi ngħidu fuq il-baħar Mediterran. U ma safax fix-xejn il-kliem ta' Réné Puan li, lilna ż-żgħażagħ, kien igħid: "Mill-Eġittu morru Zaglula, intefgħu b'ruħkom u ġisimkom fil-kustjonijiet imħawda ta' l-Italja u Franza ġe Tunes, ta' l-Italja u l-Ingliterra fil-Lvant, fl-evoluzzjoni tal-Għarab fl-Afrika ta' Fuq, fl-evoluzzjoni intellettwali tal-Maltin eċċ. eċċ." Fiż-żmien li ġej il-Mediterran ikun fih dehra ta' taqlib kbir.

Réné Puan kellu raġun biex ibiegħ. Illum kulħadd ħsiebu fil-baħar tat-Tliet kuntinenti. Mijiet ta' mijiet ta' snin ilu Ruma u Kartaġni kienu jaħkmu l-ħsieb ta' kull wieħed, u llum kulħadd irid jaf fuq Pantellerija u Malta, it-toroq li jagħtu għall-Lvant.

Il-ħabib tiegħi Laurent Ropa jaħfirli għaliex ħriġt mis-suġġett. Dan il-kittieb Franċiż, mogħni b'dehen u b'ħila, bagħatli kopja tal-ġabra sabiħa tiegħu "Cahiers de Barbarie" fejn wieħed isib antologija ta' poeti Maltin.

Laurent Ropa fir-rumanz sabiħ tiegħu "Le Chant de la Noria" u f'"Kaline", ktieb li ħareġ dal-aħħar, tana idija ċara tal-ħajja tal-Maltin li jgħixu fuq ix-xtut ta' l-Afrika ta' Fuq, fl-Alġier u f'Tunes.

Laurent Ropa hu malti, l-istess bħalma hu malti l-poeta magħruf franċiż Fernand Grech. Għandu ħuh patri f'wieħed mill-ħafna kunventi li hemm Malta, u missieru bidwi l-Alġier. Wara li kien ilu nieqes erbgħin sena, il-missier reġa' lura lejn daru fejn biħsiebu jibqa'.

Hawnhekk, fil-Balkani, aħna ftit nafu bil-maltin. Huma mxerrda fl-artijiet li jħaddnu l-Mediterran, min jaħdem bħala bidwi fl-Afrika ta' Fuq, u min fetaħ xi negozju jew qabad xogħol ieħor fl-Eġittu u fil-Lvant. Issibhom kullimkien fuq dawk ix-xtut.

Il-Maltin li jgħixu ġe Malta għandhom il-ħajja tagħhom intellettwali, u l-ħajja ta' letteratura. L-idijat ta' Wilson u l-Gwerra l-Kbira qallbu n-nazzjonijiet kollha - żgħar u kbar—ta' taħt fuq, u l-Maltin tħabtu bosta biex iżommu, sħiħ u qawwi, il-karattru tagħhom nazzjonali.

Fil-*Kelmtejn ta' Qabel* tal-ktieb tiegħu (qlib mill-Malti) Laurent Ropa isemmi biċċiet tabilħaqq sbiħ ta' kittieba u poeti Maltin bħal Dun Karm, Rużar Briffa, Ninu Cremona, Karm Mifsud Bonnici, Ġ. Delia u oħrajn.

L-awtur igħarrafna dwar Malta— 'Il-warda tal-Mediterran,' 'Il-warda tad-dinja', 'il-ġawhra tal-Mediterran', jew kif qal Napuljun 'Melita l-art tal-għasel', li San Pawl (meta b'tempesta sab ruħu fil-gżira) qaleb għat-twemmin nisrani, twemmin li kienu għadhom ma għarfux la Ruma u l-anqas l-Ewropa.

Ropa jgħid: "Il-Maltin mhumiex latini; huma mnissla minn demm semitku; ilsienhom hu semitku jixbah lil tal-Għarab u l-Lhud; it-twemmin biss li jifridhom minn xulxin. Dan hu l-għaliex propaganda Ewropea barranija ma tirnexxix f'Malta."

Fl-1921 Malta rnexxielha tikseb l-awtonomija. Iżda, fit-2 ta' Settembru 1936, il-Gvern Ingliż ħa lura l-Kostituzzjoni minħabba r-rebħa li għamel fl-elezzjonijiet partit maħkum minn influwenza taljana. Neħħi n-nuqqas li għandhom f'dik li hi indipendenza politka, il-maltin, moralment, ma għandhom x'jaqsmu ma' ħadd; huma jitkellmu bl-ilsien oriġinali tagħhom li ma hu la taljan, la spanjol, l-anqas franċiż. Hu lsien semitku, feniċju, b'elementi ta' għarbi u ta' saraċin tas-seklu IX—ilsien li fih jiktbu l-poeti u l-kittieba msemmija aktar 'il fuq.

Iċ-ċiviltà tal-Mediterran minn dejjem qajmet interess u ħeġġa fl-Ewropa. Illum nistgħu ngħidu l-istess ħaġa għal dik li hi politka u kultura.

6/4/'37 N. D. S.